**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Leeroy Balzan Engerer u Spettur Gabria Gatt)**

**kontra**

**NASIR AYDIID ABI**

**(Permess ta' residenza Maltija No. 83308(A))**

Kaz Nru.: 143/2021

**Illum, 11 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Nasir Aydiid Abi**, iben Aabi u Amina, mwieled is-Somalja, nhar l-1 ta' Jannar, 1976, minghajr residenza fissa u/jew residenti 32, Triq Samuel Taylor Coleridge, l-Gzira, u detentur tal-permess tar-residenza Maltija bin-numru 83308A, senjatament akkuzat talli nhar id-dsatax (19) ta' Settembru, 2021, bejn is-sitta ta' filghaxija (18:00hrs) u s-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs), gewwa l-gzejjer Maltin;

1. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta'

persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni, mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta; Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja, jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. Biegh jew xort'ohra ttraffika l-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Art. 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
5. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, ppreseduta mill-Magistrat Dr. D. Clarke LL.D., nhar it-2 ta' Ottubru, 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1],

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

I. **L-ispettur Leeroy Balzan Engerer** xehed li fid-19 ta' Settembru 2021ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija gie infurmat mill-pulizija fi hdan is-sezzjoni tal-Community Policing (PC1461) li ghandu bzonn l-assistenza tal-pulizija tad-distrett ghaliex kienu ghadhom kif waqqfu zewgt persuni fi Triq San Gorg, San Giljan gewwa Spinola Gardens. Fir-rapport inghad li waqt li l-imsemmija pulizija kienu qed jaghmlu r-ronda taghhom innotaw xi persuni jagixxu b'mod suspettuz l-ghaliex giet osservata persuna li kellha basket griz tohrog borza b'xi affarijiet u tghaddiha lill-persuna ohra li dahlet dina l-borza go basket iswed. PC1461 waqqaf lil persuna bl-isem ta' Abukar Ahmed Ahmed Adar li kien qed igorr il-basket ta' kulur iswed u nfurmah li kienet ha ssir tfittxija fl-imsemmija basket. Fl-imsemmi basket ta' kulur iswed allegatament instabu erbatax-il sachet sustanza suspettata cannabis, tmin sachets bi trab abjad suspettat cocaine kif ukoll borza ohra kontenenti droga suspettata cannabis. PC1461 irraporta ukoll li hekk kif kien ghadu fi Spinola Gardens avvicinah dak il-persuna li huwa gharaf bhala l-persuna li kienet ghaddiet l-affarijiet lil Abukar Ahmed Ahmed Adar u nfurmah li l-basket il-griz li kien thalla hemmhekk kien tieghu. Dan il-persuna kien il-qua imputat Nasir Aydiid Abi. Dawn iz-zewgt persuni gew arrestati, mghotija d-drittijiet taghhom u mehuda l-ghassa tal-Mosta biex tigi mwiezna d-droga. Mistoqsi in kontroezami ghaliex il-pulizija waslet ghall-konkluzzjoni li d-droga kienet tal-qua imputat, ix-xhud wiegeb li fid-dawl ta' dak li qal PC1461 irrizulta li l-borza kontenenti d-droga kienet ghaddiet minghand il-qua imputat (li harigha mill-basket l-griz) ghal ghand Abukar Ahmed Ahmed Adar li dahhalha fil-basket l-iswed fejn sussegwentament instabet mill-pulizija.

[1] Ara fol. 10 tal-atti processwali.

II. **PC1461 Alfred Bray** jispjega bil-gurament tieghu li fid-19 ta' Settembru 2021 waqt li kien qed jaghmel *patrol* gewwa Triq San Gorg fil-gnien gewwa Spinola osserva zewgt persuni wiehed jghaddi pakkett lill-iehor. Jghid li qasam it-triq sabiex imur fuqhom. Kif wasal hdejhom huwa osserva lill-qua imputat iqum u jitlaq 'l hemm u l-iehor jibqa' bilqeghda fuq bicca cinta tal-konkos. Lil dak li baqa bilqeghda saqsieh x'ghandu fil-basket fejn dan infurmah li ma kellu xejn. Ix-xhud talbu jiftah il-basket, dan il-persuna li kien bilqieghda fetah il-basket u malli l-pulizija hares go fih ra borza b'sustanza hadra, boroz b'sustanza bajdanija; u boroz ohrajn b'sustanza hadra iktar izghar. Mistoqsi s-sustanza ta' min dan il-persuna wiegeb li ma jafx madanakollu kkonferma li l-basket huwa tieghu. Sussegwentament reggha resaq il-qua imputat hdejhom biex jiehu l-basket. Mistoqsi x'kien ha jaghmel il-qua imputat wiegeb li kien ser jiehu l-basket ghax kien insieh warajh. Mistoqsi x'kien ghadda lill-persuna li kien qed izomm dak il-hin l-istess xhud, il-qua imputat qal li ma ghaddhielu xejn. Ix-xhud jikkonferma ukoll li huwa ghamel tfittxija fil-basket tal-qua imputat, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv. Ix-xhud jikkonferma li lil dawn iz-zewg persuni li huwa kien waqqaf f'dan il-gnien jarahom diversi drabi fl-istess gnien u l-imputat odjern kien qed igorr basket griz. Ix-xhud identifika lil persuna li kienet bilqieghda fuq ic-cint bhala Abukar Ahmed Ahmed Adar u kkonferma li l-borza bid-droga instabet gewwa basket iswed.

III. Xehed **Dr. Martin Bajada** hekk kif nominat minn dina l-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni. Huwa estratta l-kontenut tal-mobile phone ezebit u mmarkat bhala Dok. LBE3[2]. Il-Qorti annalizat ir-relazzjoni ta' Dr. Bajada fejn minn dak li rat dina l-Qorti ma jidher li hemm xejn ta' relevanza fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni. Madanakollu jrid jinghad li kien hemm numru ta' messaggi li kienu f'lingwa barranija li ma ntalbitx traduzzjoni taghhom.

IV. Xehed ukoll l-ispizjar **Godwin Sammut** li kien nominat minn dina l-Qorti sabiex janalizza s-sustanza misjuba fil-basket iswed, immarkata bhala Dok. LBE2[3]. Illi fil-konkluzjoni tieghu Godwin Sammut ikkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fuq estratti mehuda mill-buds ta' lewn hodor li hemm gewwa d-dokument Dok. LBE2 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piz totali tal-buds kien ta' 33.90g u l-purita kienet ta' circa 18%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija*

[2] Ara Fol. 24 tal-atti processwali.
[3] Ara Fol. 24 tal-atti processwali

*kkontrollata bil-ligi that Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi fuq estratti mehdua mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument Dok. LBE2 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 3.06 g u l-purita kienet ta' circa 20%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi that l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[4]

**L-ispettur Gabria Gatt** xehdet li fid-19 ta' Settembru 2021 ghall-habta tas-sebgha u kwart hija giet infurmata minn PC1461 stazzjonat fi hdan il-pulizija tal-komunita' li waqt li kien ghaddej patrol minn San Giljan huwa kien innota zewgt persuni iqassmu basket lil xulxin. Hija kienet giet infurmata li saret tfittxija u li ntalbet l-assistenza mill-ghassa ta' San Giljan. Ix-xhud kienet cemplet lill-ispettur tal-ghassa gewwa San Giljan dakinhar u cioe' lill-ispettur Balzan Engerer u infurmatu li kienet ser tassistieh fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz. Hija kkonfermat ukoll li kienet prezenti waqt l-istqarrijiet li ttiehdu permezz tal-audiovisual. In kontroezami hija kkonfermat li hija ma kinitx prezenti ma PC1461 meta gew arrestati l-qua imputat flimkien ma Ahmed Qadar Abuukar Ahmed.

Rat li l-prosekuzzjoni rrinunzjat ghax-xiehda ta' Ahmed Qadar Abuukar Ahmed fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2022 u ghaddiet sabiex taghlaq il-provi taghha.

Rat li l-**imputat, Nasir Aydiid Abi,** għażel volontarjament u minn jeddu li jixhed u spjega li waqt li darba kien fuq il-*bus-stop* gewwa Paceville u huwa kellu basket griz. Spjega li kellu bzonn imur it-toilet u ghaldaqstant kien halla l-imsemmi basket griz ma Massoud. Hekk kif reggha rritorna lura huwa sab lil Abuukar bil-manetti bil-pulizija jzommuh. Spjega li huwa mar biex jiehu l-basket tieghu li go fih kellu l-mobile u xi alcohol. Hemmhekk waqqfuh il-pulizija. Huwa ddikjara ghal diversi drabi li d-droga li nstabet fil-pussess ta' Abuukar ma hijiex tieghu u li huwa lil Abuukar ma kienx jafu qabel. Huwa jghid ukoll li huwa ma jabbuzax mid-droga. In kontro-ezami huwa nnega li qatt hareg xi haga mill-basket tieghu (ta' kulur griz) u ghaddiha lil Abuukar. Meta kkonfrontat bil-fatt li pulizija rah huwa baqa' jinnega u qal li wiehed jista' jaccerta dan minn fuq il-cameras fuq il-post. Hu jispjega ukoll li kien konsapevoli ta' dak li nstab fil-basket iswed u x'qal Abuukar dwar il-provenjenza tal-istess ghaliex huwa kien prezenti meta Abuukar gie arrestat u minn diskors li sar wara l-arrest taghhom. Huwa jispjega ukoll li sakemm kien fuq il-*bus-stop* huwa ma kienx konsapevoli tad-drogi mizmuma minn Abukar.

[4] Ara fol. 41 tal-atti processwali.

**Ikkunsidrat ulterjorament**

Illi permezz tal-imputazzjonijiet odjerni l-qua imputat jinsab akkuzat bi traffikar u pussess aggravat tad-droga kokajina u pjanta cannabis. Illi intrinsikament marbut ma dawn l-imsemmija imputazzjonijiet, l-imputat jinsab ukoll akkuzat li dawn l-imputazzjonijiet ta' traffikar u pussess aggravat sehhew f'distanza ta' mitt metru minn post fejn jiltaqghu z-zghazagh. U konsegwenzjalment f'kaz li jirrizulta htija f'dawn l-imsemmija imputazzjonijiet, l-imputat huwa ukoll akkuzat li huwa recidiv b'sentenza ta' dina l-Qorti datata 2 ta' Ottubru 2019.

Illi mill-provi mressqa ma jirrizultax li l-imputat instab *flagrante delicto* fil-pussess tad-droga fil-mument tal-arrest tieghu. Is-sustanza illecita, suggett tal-proceduri odjerni, allegatament instabet fuq persuna ohra. Ix-xhieda tal-ispetturi Engerer u Gatt ghal dak li jirrigwardja dak li sehh fil-Gnien ta' Spinola hija interament *detto del detto* dana l-ghaliex fix-xhieda taghhom it-tnejn li huma jiddikjaraw li ma kienux fuq il-post in kwistjoni fil-mument tal-arrest tal-qua imputat u li fl-investigazzjonijiet taghhom huma strahu interament fuq dak li gie rrapurtat lilhom minn PC1461 Bray.

PC1461 Bray ha l-pedana tax-xhieda fil-proceduri odjerni u dina l-Qorti ma ghandha l-ebda raguni l-ghaliex tiddubita mill-verzjoni mghotija mill-imsemmi kuntistabbli. Kif inghad iktar 'il fuq fix-xhieda tieghu huwa jispjega kif waqt li kien qieghed jaghmel *patrol* fl-inhawi tal-Gnien ta' Spinola huwa ra "*zewgt persuni, wiehed jghaddi pakkett lill-iehor*".

Fix-xhieda tieghu PC1461 jispjega li huwa osserva, min-naha l-ohra tat-triq, lill-qua imputat jghaddi pakkett lil Abuukar. L-imsemmi kuntistabbli kkonferma li huwa identifika lill-imputati u anke jispjega li l-qua imputati huma midhla ta' dawk ta' dawk l-inhawi. Madanakollu minn imkien mit-testimonjanza ta' PC1461 ma jirrizulta li huwa ddentifika l-pakkett bis-sustanza illecita allegatament misjub fil-pussess ta' Abuukar bhala l-istess pakkett li l-istess kuntistabbli ra lill-qua imputat jghaddi lil Abuukar.

Di piu dina l-Qorti lanqas ma tista' tinjora d-distanza ta' kemm kien 'il boghod PC1461 meta ra dan il-pakkett jghaddi min id ghall-ohra. Fil-fatt il-kuntistabbli fix-xhieda tieghu spjega li huwa kellu jaqsam it-triq. Ghaldaqstant il-kuntistabbli kien definittivament numru ta' metri 'l boghod meta ghamel l-osservazzjonijiet tieghu.

Dina l-Qorti hija ukoll sprovvista minn kwalunkwe evidenza forensika li b'xi mod tista' tipprova nes bejn id-droga misjuba u l-qua imputat bhal perezempju provi ta' fingerprints jew DNA. Lanqas ma jirrizulta li l-baskett l-griz, li l-imputat

mal-ewwel mumenti tal-arrest iddikjara li kien tieghu (liema dikjarazzjoni anke giet ikkonfermata bil-gurament quddiem dina l-Qorti), gie analizzat ghall-prezenza ta' tracci ta' sustanzi lleciti.

Ghaldaqstant, tenut kont tan-nuqqas t'evidenza forensika, tad-distanza hawn fuq imsemmija li minnha l-kuntistabbli ghamel l-osservazzjonijiet tieghu u anke t-testimonjanza tal-istess kuntistabbli fejn naqas milli jiddentifika l-pakkett mghoddi (hekk kif inghad iktar 'il fuq) dina l-Qorti ma tista' qatt tasal ghall-konvinciment morali ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dak l-oggett li kuntistabbli ra jghaddi minn id ghall-ohra kien effettivament l-istess pakkett li allegatament instabet is-sustanza illecita fih. Per konsegwenza, fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjonijiet ta' pussess aggravat u traffikar kemm tad-droga cannabis kif ukoll tal-kokajina (li nstabu fl-istess borza) ma gewx pruvati sal-grad rikjest mil-ligi. Konsegwentament lanqas ma gew pruvati l-ahhar zewgt imputazzjonijiet li huma intrinsikament marbuta ma' htija fuq l-ewwel erbat imputazzjonijiet. Ghal dawn ir-ragunijiet dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(d) u (e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 kif ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, **qeghda tillibera lil qua imputat Nasir Aydiid Abi mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.**

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur